SENTENZA TAL-QORTI ĠENERALI (Is-Sitt Awla)

26 ta' April 2023 *

"Kuntratti pubbliċi għal servizzi – Proċedura ta' sejħa għal offerti – Djalogu kompetittiv – Provvista ta' satelliti ta' tranżizzjoni Galileo – Ċaħda tal-offerta ta' offerent – Kriterji ta' esklużjoni – Mġiba professjonali ħażina serja ta' offerent – Assenza ta' sentenza finali jew ta' deċiżjoni amministrattiva finali – Tressiq tal-każ quddiem il-bord imsemmi fl-Artikolu 143 tar-Regolament Finanzjarju – Ugwaljanza fit-trattament – Offerta anormalment baxxa – Żball manifest ta' evalwazzjoni"

Fil-Kawża T-54/21,

OHB System AG, stabbilita fi Bremen (Il-Ġermanja), irrappreżentata minn W. Würfel u F. Hausmann, avukati,

rikorrenti,

vs

Il-Kummissjoni Ewropea, irrappreżentata minn G. Wilms, L. André, J. Estrada de Solà u L. Mantl, bħala aġenti,

konvenuta,

sostnuta minn

Ir-Repubblika Taljana, irrappreżentata minn G. Palmieri, bħala aġent, assistita minn P. Gentili u G. Santini, avvocati dello stato,

u minn

Airbus Defence and Space GmbH, stabbilita f'Taufkirchen (Il-Ġermanja), irrappreżentata minn P.-E. Partsch, F. Dewald u C.-E. Seestädt, avukati,

intervenjenti,

IL-QORTI ĠENERALI (Is-Sitt Awla),

komposta minn M. J. Costeira (Relatriċi), Presidenta, M. Kancheva u P. Zilgalvis, Imħallfin,

Reġistratur: P. Cullen, Amministratur,

* Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż.

wara li rat id-digriet tas-26 ta' Mejju 2021, OHB System vs Il-Kummissjoni (T-54/21 R, mhux ippubblikat, EU:T:2021:292),

wara li rat il-fażi bil-miktub tal-proċedura, b'mod partikolari:

– id-digriet tat-30 ta' Ġunju 2021, OHB System vs Il-Kummissjoni (T-54/21, mhux ippubblikat),

– id-digriet tat-2 ta' Diċembru 2021, OHB System vs Il-Kummissjoni (T-54/21, EU:T:2021:878),

– il-miżuri ta' organizzazzjoni tal-proċedura tas-17 ta' Ottubru 2022 u t-tweġiba tal-Kummissjoni ppreżentata fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fid-29 ta' Ottubru 2022,

wara s-seduta tas-17 ta' Novembru 2022,

tagħti l-preżenti

Sentenza [1]

1 Permezz tar-rikors tagħha bbażat fuq l-Artikolu 263 TFUE, ir-rikorrenti, OHB System AG, titlob l-annullament tad-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni Ewropea, ikkomunikati lir-rikorrenti permezz ta' ittra tad-19 u permezz ta' faks tat-22 ta' Jannar 2021, li ma taċċettax l-offerta tagħha, ippreżentata fil-kuntest tas-sejħa għal offerti fil-forma ta' djalogu kompetittiv 2018/S 091–206089 dwar il-provvista ta' satelliti ta' tranżizzjoni Galileo, kif ukoll li tagħti l-kuntratt lil żewġ offerenti oħra (iktar 'il quddiem id-"deċiżjonijiet ikkontestati").

Il-fatti li wasslu għall-kawża

2 Ir-rikorrenti hija kumpannija rregolata mid-dritt Ġermaniż li għandha bħala għan l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' sistemi u ta' proġetti spazjali innovattivi kif ukoll il-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti aeronawtiċi, spazjali u telematiċi speċifiċi, inklużi s-satelliti ġeostazzjonarji u ta' altitudni baxxa.

3 Skont il-premessa 2 u l-Artikolu 2(1) u (2) tar-Regolament (UE) Nru 1285/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar l-implimentazzjoni u l-esplojtazzjoni tas-sistemi Ewropej tar-radjunavigazzjoni bis-satellita u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 876/2002 u r-Regolament (KE) Nru 683/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU 2013, L 347, p. 1), il-programm Galileo għandu l-għan li tiġi stabbilita u użata sistema Ewropea ta' radjunavigazzjoni u ta' pożizzjonament permezz tas-satellita, maħsub speċifikament għal finijiet ċivili, li tinkludi kostellazzjoni ta' satelliti u netwerk globali ta' stazzjonijiet fuq l-art.

4 Skont l-Artikolu 12(1) tar-Regolament Nru 1285/2013, il-Kummissjoni għandha tassumi r-responsabbiltà ġenerali tal-programm Galileo u, konformement mal-Artikolu 15(1) tal-istess regolament, għall-fażi ta' dispjegament ta' dan il-programm, hija għandha tikkonkludi ftehim ta' delega mal-Aġenzija Spazjali Ewropea (ESA), li jispeċifika l-kompiti ta' din tal-aħħar, b'mod partikolari f'dak li jirrigwarda l-għoti tal-kuntratti relatati mas-sistema.

[1] Huma riprodotti biss il-punti ta' din is-sentenza li l-Qorti Ġenerali tqis li l-pubblikazzjoni tagħhom hija utli.

5 Fil-kuntest tal-ftehim ta' delega konkluż bejn il-Kummissjoni u l-ESA għall-fażi tad-dispjegament tal-programm Galileo, l-ESA hija responsabbli mill-organizzazzjoni tal-proċeduri għall-għoti ta' kuntratti pubbliċi relatati ma' dan il-programm u l-Kummissjoni tibqa' l-awtorità kontraenti.

6 Permezz ta' avviż ta' kuntratt tal-15 ta' Mejju 2018, ippubblikat fis-Suppliment ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* tal-15 ta' Mejju 2018 (ĠU 2018/S 091–206089) u fuq is-sit internet "emits.esa.int", l-ESA, li taġixxi f'isem u għan-nom tal-Kummissjoni, nediet proċedura ta' sejħa għal offerti dwar il-provvista ta' satelliti ta' tranżizzjoni Galileo, fil-forma ta' djalogu kompetittiv (iktar 'il quddiem id-"djalogu kompetittiv kontenzjuż"). Il-proċedura tnediet f'din il-forma, peress li l-Kummissjoni kienet diġà identifikat u ddefinixxiet il-bżonnijiet tagħha, iżda kienet għadha ma ddefinixxietx il-mezzi preċiżi l-iktar adatti sabiex tirrispondi għalihom.

7 Id-djalogu kompetittiv kontenzjuż kien jirrigwarda l-akkwist ta' numru inizjali ta' erba' satelliti ta' tranżizzjoni Galileo (li setgħu jitilgħu sa tnax) li għandhom karatteristiċi evoluti sabiex jiżguraw il-bidla mill-ewwel ġenerazzjoni għat-tieni ġenerazzjoni ta' satelliti Galileo. Ġie deċiż li jintużaw diversi sorsi ta' provvista, konformement mal-Artikolu 19(d) tar-Regolament Nru 1285/2013, skont liema jistgħu jintgħażlu żewġ offerenti rebbieħa u jistgħu jiġu ffirmati żewġ kuntratti għall-provvista parallela ta' numru previst ta' żewġ satelliti għal kull wieħed minnhom.

8 L-għoti tal-kuntratt kien ibbażat fuq l-iktar offerta ekonomikament vantaġġuża, skont żewġ kriterji ta' għoti, dak tal-prezz, ponderat għal 35 %, u dak tal-kwalità, ponderat globalment bħala 65 %. Il-kriterju tal-kwalità kien jinqasam f'ħames sottokriterji. L-ewwel sottokriterju, ponderat għal 10 %, kien jirrigwarda n-natura xierqa u r-rilevanza tar-riżorsi umani u tekniċi u tal-installazzjonijiet proposti mill-offerent fir-rigward tas-soluzzjoni teknika u programmatika deskritta fl-offerta. It-tieni sottokriterju, ponderat għal 25 %, kien relatat mal-komprensjoni tar-rekwiżiti u tal-għanijiet, inkluż fil-qasam tas-sigurtà, mal-kwalifika u l-livell ta' maturità tal-ħolqien tal-proġett propost, mal-adegwatezza, il-kwalità u s-soliditàtal-ħolqien tal-proġett propost u mal-osservanza tal-kundizzjonijiet tekniċi. It-tielet sottokriterju, ponderat għal 30 %, kien relatat mal-kwalità u mal-adegwatezza tal-programm ta' ħidma, mal-osservanza tal-ispeċifikazzjonijiet tal-kuntratt, mal-adegwatezza tal-ippjanar tekniku kif ukoll mal-approċċ fil-qasam tat-testijiet u tal-provi, mal-eżami tar-riskji u mal-proposti għat-tnaqqis tar-riskji, inkluża d-diversifikazzjoni teknoloġika. Ir-raba' sottokriterju, ponderat għal 25 %, kien jirrigwarda n-natura xierqa tal-ġestjoni, tal-kalkolu tal-ispejjeż u tal-pjanifikazzjoni tal-eżekuzzjoni tax-xogħlijiet. Il-ħames sottokriterju, ponderat għal 10 %, kien relatat mal-osservanza tal-kundizzjonijiet tas-sejħa għal offerti u tal-kuntratt.

9 Id-djalogu kompetittiv kontenzjuż seħħ fi tliet fażijiet. L-ewwel żewġ fażijiet żvolgew konformement mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament Nru 1285/2013 kif ukoll tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU 2012, L 298, p. 1), u tar-Regolament Delegat (UE) Nru 1268/2012 tal-Kummissjoni tad-29 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli tal-applikazzjoni tar-Regolament Nru 966/2012 (ĠU 2012, L 362, p. 1). It-tielet fażi żvolġiet konformement mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament Nru 1285/2013 kif ukoll tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU 2018, L 193, p. 1, iktar 'il quddiem ir-"Regolament Finanzjarju").

10 L-ewwel fażi tad-djalogu kompetittiv kontenzjuż bdiet f'Mejju 2018 bil-pubblikazzjoni, mill-ESA, ta' "stedina sabiex titressaq talba għal parteċipazzjoni".

11 Fid-dawl tat-talbiet għal parteċipazzjoni rċevuti, l-ESA għażlet tliet offerenti, jiġifieri r-rikorrenti, Airbus Defence and Space GmbH (iktar 'il quddiem "ADS") u Thales Alenia Space Italia (iktar 'il quddiem "TASI") (iktar 'il quddiem, meħuda flimkien, l-"offerenti").

12 It-tieni fażi bdiet f'Lulju 2018 u kienet intiża għall-identifikazzjoni u d-definizzjoni tal-mezzi proprji sabiex jiġu ssodisfatti bl-aħjar mod il-ħtiġijiet tal-awtorità kontraenti. Inizjalment, l-ESA stiednet lill-offerenti sabiex jissottomettu "offerta preliminari" u bagħtitilhom, b'mod partikolari, il-"kundizzjonijiet speċjali tas-sejħa għal offerti għall-istedina sabiex tiġi sottomessa offerta preliminari". Sussegwentement, wara perijodu ta' djalogu, l-ESA stiednet lill-offerenti sabiex jissottomettu "offerta riveduta" u bagħtitilhom, b'mod partikolari, il-"kundizzjonijiet tas-sejħa għal offerti għall-istedina sabiex tiġi sottomessa offerta riveduta". Fis-26 ta' Settembru 2018, ir-rikorrenti ppreżentat l-offerta preliminari tagħha u, fil-11 ta' Ottubru 2019, hija ppreżentat l-offerta riveduta tagħha.

13 It-tielet fażi bdiet f'Awwissu 2020 u, wara perijodu ta' djalogu ieħor, l-ESA stiednet lill-offerenti sabiex jissottomettu l-"offerta finali" tagħhom u bagħtitilhom b'mod partikolari l-"kundizzjonijiet tas-sejħa għal offerti għall-istedina sabiex tiġi sottomessa l-offerta finali". Fil-11 ta' Ottubru 2020, ir-rikorrenti ppreżentat l-offerta finali tagħha.

14 Bejn Ottubru u Diċembru 2020, l-offerti finali tal-offerenti ġew evalwati minn kumitat ta' evalwazzjoni, kompost minn rappreżentanti tal-ESA, mill-Aġenzija tas-sistema globali ta' navigazzjoni bis-satellita (GNSS) Ewropea (GNSS) u mill-Kummissjoni, li ppreżenta r-riżultati tal-evalwazzjoni f'rapport ta' evalwazzjoni (iktar 'il quddiem ir-"rapport ta' evalwazzjoni").

15 Permezz ta' ittra tat-23 ta' Diċembru 2020, indirizzata lill-Kummissjoni flimkien, b'mod partikolari, mal-ESA b'kopja (iktar 'il quddiem l-"ittra tat-23 ta' Diċembru 2020"), ir-rikorrenti talbet, essenzjalment, lill-Kummissjoni, l-ewwel, tissospendi d-djalogu kompetittiv kontenzjuż, minħabba "suspett ta' ksur tas-sigriet professjonali tagħha minn impjegat ta' ADS", sussegwentement, li tinvestiga l-kwistjoni u, fl-aħħar, jekk ikun il-każ, li teskludi lil ADS mid-djalogu kompetittiv kontenzjuż.

16 F'din l-ittra, ir-rikorrenti informat lill-Kummissjoni, essenzjalment, b'dan li ġej: l-ewwel, [*kunfidenzjali*] [2] (iktar 'il quddiem l-"ex impjegat") kien ħadem għar-rikorrenti mit-22 ta' Diċembru 2016 sal-aħħar tax-xahar ta' Novembru 2019 u, bħala direttur ġenerali amministrattiv, kellu aċċess wiesa' għad-data tal-proġett u kien ipparteċipa fil-preparazzjoni tal-offerta ppreżentata mir-rikorrenti fil-kuntest tad-djalogu kompetittiv kontenzjuż. B'mod partikolari, huwa kien involut fl-"istrateġija" tal-parti teknika tal-offerta tagħha kif ukoll fl-"istrateġija" dwar il-prezz u l-kalkolu tal-prezz. It-tieni, fil-11 ta' Novembru 2019, wara talba tal-ex impjegat f'dan is-sens, hu u r-rikorrenti kienu ffirmaw ix-xoljiment kmieni tal-kuntratt ta' xogħol tiegħu. It-tielet, fix-xahar ta' Diċembru 2019, ADS kienet irreklutat l-ex impjegat u, matul is-sena 2020, huwa kien okkupa kariga ma' ADS li kienet tpoġġih f'ras id-dipartiment inkarigat mill-offerta ppreżentata minnha fil-kuntest tad-djalogu kompetittiv kontenzjuż. Barra minn hekk, kienu jeżistu indizji li jgħidu li l-ex impjegat kien kiseb informazzjoni sensittiva mir-rikorrenti, li setgħet tagħti lil ADS vantaġġ indebitu fil-kuntest tad-djalogu kompetittiv kontenzjuż. Ir-raba', ir-rikorrenti kienet ordnat analiżi tal-kompjuter li l-ex impjegat kien juża meta kien jaħdem

[2] Data kunfidenzjali moħbija.

magħha, liema analiżi wasslet għal dokumenti li juru li, qabelxejn, huwa kellu l-intenzjoni li jbiddel il-persuna li timpjega sa minn Ġunju 2019, sussegwentement, fil-kuntest tan-negozjati li jirrigwardaw ir-reklutaġġ tiegħu minn ADS, huwa kien b'mod partikolari indika lil din tal-aħħar li, bir-reklutaġġ tiegħu, hija kien ikollha vantaġġi fi proġetti li fihom hija kienet f'kompetizzjoni mar-rikorrenti u, fl-aħħar, fih kien hemm indizji li juru li l-ex impjegat kien ikkopja fajls kunfidenzjali tar-rikorrenti. Il-ħames, iċ-ċirkustanzi msemmija iktar 'il fuq kienu s-suġġett ta' investigazzjoni kriminali mmexxija mill-Uffiċċju tal-Prosekutur kompetenti fil-Ġermanja, wara lment ippreżentat, f'Marzu 2020, mir-rikorrenti kontra l-ex impjegat.

17 Abbażi tar-rapport ta' evalwazzjoni, il-Kummissjoni ddeċidiet li ma taċċettax l-offerta tar-rikorrenti u li taċċetta l-offerti ta' TASI u ta' ADS. Id-deċiżjonijiet ikkontestati ġew ikkomunikati lir-rikorrenti mill-ESA permezz ta' ittra tad-19 ta' Jannar 2021 u permezz ta' faks tat-22 ta' Jannar 2021.

18 Permezz tal-ittra tad-19 ta' Jannar 2021, l-ESA informat lir-rikorrenti bid-deċiżjoni li ma taċċettax l-offerta tagħha għar-raġuni li ma kinitx l-offerta l-iktar vantaġġuża ekonomikament. Fl-Anness għal din l-ittra, hija bagħtitilha estratt mill-evalwazzjoni, mill-kumitat ta' evalwazzjoni, tal-offerta finali tagħha fid-dawl tal-ħames sottokriterji tal-kriterju tal-kwalità.

19 Sussegwentement, ir-rikorrenti talbet lill-ESA, permezz ta' faks tal-20 ta' Jannar 2021, sabiex tikkomunikalha l-informazzjoni tal-offerenti magħżula, il-karatteristiċi u l-vantaġġi relattivi tal-offerti tagħhom, il-prezz totali użat sabiex tiġi stabbilita l-klassifikazzjoni kif ukoll l-evalwazzjoni ddettaljata tal-offerta rispettiva tagħha.

20 Permezz ta' ittra tal-20 ta' Jannar 2021, il-Kummissjoni, filwaqt li għamlet riferiment għall-ittra tat-23 ta' Diċembru 2020, informat lir-rikorrenti li, l-ewwel, ma kienx hemm raġunijiet suffiċjenti sabiex tiġi ġġustifikata sospensjoni tad-djalogu kompetittiv kontenzjuż f'dan l-istadju, it-tieni, l-allegazzjonijiet ta' approprjazzjoni illegali tas-sigrieti professjonali tar-rikorrenti kienu diġà s-suġġett ta' investigazzjoni mill-awtoritajiet nazzjonali, li fuq il-konklużjonijiet tagħha hija setgħet tibbaża ruħha u tadotta miżuri addizzjonali, jekk ikun neċessarju, u, it-tielet, l-imsemmija allegazzjonijiet ma kinux ġew stabbiliti permezz ta' sentenza definittiva jew ta' deċiżjoni amministrattiva finali, fis-sens tal-Artikolu 136(1) tar-Regolament Finanzjarju, u għalhekk ma kienx hemm raġuni sabiex ADS tiġi eskluża mid-djalogu kompetittiv kontenzjuż.

21 Permezz ta' faks tat-22 ta' Jannar 2021, l-ESA bagħtet lir-rikorrenti l-isem tal-offerenti magħżula, jiġifieri TASI u ADS, il-prezz totali u l-klassifikazzjoni finali tal-offerti tagħhom, kif ukoll il-klassifikazzjoni tagħhom skont il-ħames sottokriterji tal-kriterju tal-kwalità. Fl-anness għal din l-ittra, l-ESA bagħtet lir-rikorrenti r-riżultati ddettaljati tal-evalwazzjoni tal-offerta tagħha fid-dawl tal-ħames sottokriterji tal-kriterju tal-kwalità.

22 L-offerti tal-offerenti ġew ikklassifikati kif ġej: l-offerta ta' TASI fl-ewwel post, l-offerta ta' ADS fit-tieni post u l-offerta tar-rikorrenti fit-tielet post. Dawn l-offerti ġew evalwati fid-dawl taż-żewġ kriterji ta' għoti indikati fil-punt 8 iktar 'il fuq. Fir-rigward tal-kriterju tal-kwalità, l-offerti ta' TASI, ta' ADS u tar-rikorrenti ġew ikklassifikati fl-ewwel, fit-tieni u fit-tielet pożizzjoni, rispettivament. Fir-rigward tal-kriterju tal-prezz, l-offerti ta' ADS, bi prezz totali ta' EUR 707 679 174.75, ta' TASI, bi prezz totali ta' EUR 804 127 000.00, u tar-rikorrenti, bi prezz totali ta' EUR 822 786 000.00, ġew ikklassifikati fl-ewwel, fit-tieni u fit-tielet post, rispettivament.

23 Permezz ta' ittra tat-28 ta' Jannar 2021, ir-rikorrenti talbet lill-Kummissjoni, l-ewwel, teskludi lil ADS mid-djalogu kompetittiv kontenzjuż, it-tieni, temenda d-deċiżjonijiet ikkontestati billi tagħtiha l-kuntratt, it-tielet, tagħtiha aċċess għall-fajl komplet tad-djalogu kompetittiv kontenzjuż u għar-rapport ta' evalwazzjoni u, ir-raba', li ma tiffirmax il-kuntratti sakemm tittieħed deċiżjoni dwar l-oġġezzjonijiet li hija kienet qajmet. F'din l-ittra, ir-rikorrenti sostniet li ADS kellha tiġi eskluża, peress li, minn naħa, hija kienet kisret il-prinċipju tas-sigriet tal-kompetizzjoni billi involviet lill-ex impjegat fil-preparazzjoni tal-offerta tagħha u, min-naħa l-oħra, l-offerta tagħha kienet anormalment baxxa.

It-talbiet tal-partijiet

24 Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

– tannulla d-deċiżjonijiet ikkontestati;

– tordna lill-Kummissjoni tagħtiha aċċess għall-fajl tad-djalogu kompetittiv inkwistjoni;

– tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

25 Il-Kummissjoni titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

– tiċħad ir-rikors, parzjalment bħala inammissibbli u parzjalment bħala infondat;

– tikkundanna lir-rikorrenti għall-ispejjeż.

26 Ir-Repubblika Taljana u ADS jitolbu li l-Qorti Ġenerali jogħġobha tiċħad ir-rikors.

Id-dritt

[*omissis*]

Fuq il-mertu

[*omissis*]

Fuq l-ewwel motiv, ibbażat fuq il-ksur tal-kriterji ta' esklużjoni previsti fl-Artikolu 136 tar-Regolament Finanzjarju kif ukoll tal-prinċipji ta' ugwaljanza fit-trattament u ta' "kompetizzjoni sigrieta"

[*omissis*]

– Fuq l-ewwel parti tal-ewwel motiv, ibbażata fuq il-ksur tal-kriterji ta' esklużjoni previsti fl-Artikolu 136 tar-Regolament Finanzjarju

53 Fl-ewwel lok, ir-rikorrenti ssostni li d-deċiżjoni tal-għoti ta' parti mill-kuntratt lil ADS tikser l-Artikolu 136 u l-Artikolu 167(1)(b) tar-Regolament Finanzjarju, sa fejn din kellha tiġi eskluża mid-djalogu kompetittiv kontenzjuż.

54 Qabelxejn, ir-rikorrenti ssostni li ADS kellha tiġi eskluża mid-djalogu kompetittiv kontenzjuż abbażi tal-Artikolu 136(1)(ċ)(ii) u (v) tar-Regolament Finanzjarju, minħabba, minn naħa, l-eżistenza ta' preżunzjoni ta' ftehim antikompetittiv jew ta' akkordju taċitu bejn ADS u l-ex impjegat bl-għan tad-distorsjoni tal-kompetizzjoni mar-rikorrenti fil-kuntest tad-djalogu kompetittiv kontenzjuż u, min-naħa l-oħra, minħabba l-fatt li, billi impjegat l-ex impjegat, ADS hija preżunta li pprovat tikseb informazzjoni kunfidenzjali mir-rikorrenti, li tista' tagħtiha vantaġġ indebitu matul id-djalogu kompetittiv kontenzjuż.

55 Sussegwentement, ir-rikorrenti ssostni li, fl-assenza ta' sentenza definittiva jew ta' deċiżjoni amministrattiva finali, ADS kellha tiġi eskluża abbażi ta' klassifikazzjoni ġuridika preliminari prevista fl-Artikolu 136(2) tar-Regolament Finanzjarju. Barra minn hekk, hija ssostni li l-Kummissjoni kellha tinvestiga l-fatti u tikseb informazzjoni mingħand ADS.

56 Fl-aħħar, ir-rikorrenti ssostni li ADS kellha tiġi eskluża abbażi tal-Artikolu 136(4)(a) tar-Regolament Finanzjarju, peress li l-ex impjegat jokkupa kariga ta' tmexxija f'ADS u peress li kien jinsab f'waħda mis-sitwazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 136(1)(ċ) tar-Regolament Finanzjarju.

57 Il-Kummissjoni u l-intervenjenti jikkontestaw dawn l-argumenti.

58 Preliminarjament, għandu jiġi rrilevat li l-Artikolu 167(1)(b) tar-Regolament Finanzjarju jipprevedi li l-kuntratti jingħataw abbażi ta' kriterji ta' għoti, sakemm l-awtorità kontraenti tkun ivverifikat li l-kandidat jew l-offerent ma jkunx ġie eskluż skont l-Artikolu 136, jew eskluż b'applikazzjoni tal-Artikolu 141 tal-istess regolament.

59 Fir-rigward tal-kriterji ta' esklużjoni, mill-Artikolu 136(1) tar-Regolament Finanzjarju jirriżulta li "[l]-uffiċjal tal-awtorizzazzjoni responsabbli għandu jeskludi lil persuna jew lil entità msemmija fl-Artikolu 135(2) milli tieħu sehem fi proċeduri ta' għoti rregolati minn dan ir-Regolament […] fejn dik il-persuna jew entità tkun tinsab f'waħda jew iżjed mis-sitwazzjonijiet ta' esklużjoni" previsti fl-Artikolu 136(1)(a) sa (h) ta' dan ir-regolament. B'mod partikolari, skont l-Artikolu 136(1)(c)(ii) u (v) tal-imsemmi regolament, "[l]-uffiċjal tal-awtorizzazzjoni responsabbli għandu jeskludi lil persuna jew lil entità msemmija fl-Artikolu 135(2) milli tieħu sehem fi proċeduri ta' għoti rregolati minn dan ir-Regolament […] fejn […] (c) ikun ġie stabbilit permezz ta' sentenza finali jew permezz ta' deċiżjoni amministrattiva finali li l-persuna jew l-entità hija ħatja ta' mġiba professjonali ħażina serja […], fosthom, b'mod partikolari, […] (ii) id-dħul fi ftehim ma' persuni jew ma' entitajiet oħrajn bl-għan li tiġi kkawżata distorsjoni tal-kompetizzjoni [jew] (v) it-tentattiv li tinkiseb informazzjoni kunfidenzjali li tista' tagħtih vantaġġi mhux xierqa fil-proċedura ta' għoti".

60 Barra minn hekk, skont l-Artikolu 136(4)(a) tar-Regolament Finanzjarju, l-uffiċjal tal-awtorizzazzjoni responsabbli għandu jeskludi lil persuna jew lil entità msemmija fl-Artikolu 135(2) fejn "persuna fiżika jew ġuridika li hija membru tal-korp amministrattiv, maniġerjali jew superviżorju tal-persuna jew tal-entità msemmija fl-Artikolu 135(2), jew li għandha setgħat ta' rappreżentazzjoni, ta' deċiżjoni jew ta' kontroll fir-rigward ta' dik il-persuna jew entità, hija f'waħda jew aktar mis-sitwazzjonijiet imsemmijin fil-punti (c) sa (h) tal-paragrafu 1 [tal-Artikolu 136]".

61 Barra minn hekk, l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 136(2) tar-Regolament Finanzjarju jipprevedi li, "[f]in-nuqqas ta' sentenza finali jew, fejn applikabbli, deċiżjoni amministrattiva finali fil-każijiet imsemmija fil-punti (c), (d), (f), (g) u (h) tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu […], l-uffiċjal

tal-awtorizzazzjoni responsabbli għandu jeskludi lil persuna jew entità msemmija fl-Artikolu 135(2) abbażi ta' klassifikazzjoni preliminari fil-liġi ta' aġir kif imsemmi f'dawk il-punti, b'kont meħud tal-fatti stabbiliti jew sejbiet oħra li jinsabu fir-rakkomandazzjoni tal-bord imsemmi fl-Artikolu 143 [ta' dan ir-regolament]".

62 Mid-dispożizzjonijiet imsemmija iktar 'il fuq jirriżulta b'mod partikolari li awtorità kontraenti għandha teskludi lil offerent mill-parteċipazzjoni fi proċedura ta' sejħa għal offerti meta l-imsemmi offerent ikun jinsab f'waħda jew f'diversi mis-sitwazzjonijiet li jikkorrispondu għat-tliet kriterji ta' esklużjoni msemmija fil-punti 59 sa 61 iktar 'il fuq.

63 Għalhekk, l-ewwel kriterju ta' esklużjoni, previst fl-Artikolu 136(1)(c)(ii) u (v), moqri flimkien mal-Artikolu 135(2)(a) tar-Regolament Finanzjarju, jikkorrispondi għas-sitwazzjonijiet li fihom ġie stabbilit permezz ta' sentenza definittiva jew ta' deċiżjoni amministrattiva finali li l-offerent huwa ħati ta' mġiba professjonali ħażina serja, billi adotta wieħed mit-tipi ta' imġiba msemmija fl-Artikolu 136(1)(c)(ii) u (v) tar-Regolament Finanzjarju, jiġifieri l-konklużjoni ta' ftehim ma' persuni oħra jew entitajiet oħra bl-għan li tiġi kkawżata distorsjoni tal-kompetizzjoni jew it-tentattiv li tinkiseb informazzjoni kunfidenzjali li tista' tagħtih vantaġġ indebitu fil-proċedura ta' sejħa għal offerti.

64 It-tieni kriterju ta' esklużjoni, previst fl-Artikolu 136(4)(a) moqri flimkien mal-Artikolu 135(2)(a) u l-Artikolu 136(1)(c)(ii) u (v) tar-Regolament Finanzjarju, jikkorrispondi għas-sitwazzjonijiet li fihom ikun ġie stabbilit permezz ta' sentenza finali jew permezz ta' deċiżjoni amministrattiva finali li persuna fiżika jew ġuridika, li hija membru tal-korp amministrattiv, maniġerjali jew superviżorju tal-offerent jew li għandha setgħat ta' rappreżentazzjoni, ta' deċiżjoni jew ta' kontroll fir-rigward tal-imsemmi offerent, hija ħatja ta' mġiba professjonali ħażina serja, billi adottat wieħed mit-tipi ta' mġiba msemmija fl-Artikolu 136(1)(c)(ii) u (v) tar-Regolament Finanzjarju.

65 It-tielet kriterju ta' esklużjoni, previst fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 136(2) moqri flimkien mal-Artikolu 135(2)(a), l-Artikolu 136(1)(c)(ii) u (v) u l-Artikolu 143(6)(a) tar-Regolament Finanzjarju, jikkorrispondi għas-sitwazzjonijiet li fihom, fl-assenza ta' sentenza finali jew ta' deċiżjoni amministrattiva finali, dan ikun ġie stabbilit permezz ta' klassifikazzjoni ġuridika preliminari, li tinsab fir-rakkomandazzjoni tal-bord imsemmi fl-Artikolu 143 tar-Regolament Finanzjarju (iktar 'il quddiem il-"bord"), li l-offerent huwa ħati ta' mġiba professjonali ħażina serja, billi adotta wieħed mit-tipi ta' mġiba msemmija fl-Artikolu 136(1)(c)(ii) u (v) tal-imsemmi regolament. Konformement mal-Artikolu 135(4) tar-Regolament Finanzjarju, l-awtorità kontraenti tista' tieħu deċiżjoni li teskludi offerent abbażi ta' klassifikazzjoni preliminari msemmija fl-Artikolu 136(2) biss wara li tkun kisbet rakkomandazzjoni mill-bord.

66 F'dan il-każ, il-kundizzjonijiet ta' applikazzjoni tal-ewwel kriterju ta' esklużjoni, li jissemmew fil-punt 63 iktar 'il fuq, ma humiex issodisfatti. Fil-fatt, huwa paċifiku bejn il-partijiet li, fil-mument tad-djalogu kompetittiv kontenzjuż, ma kienet teżisti l-ebda sentenza finali, u l-ebda deċiżjoni amministrattiva finali, fis-sens tal-Artikolu 136(1)(c) tar-Regolament Finanzjarju, dwar ADS.

67 Fir-rigward tat-tieni kriterju ta' esklużjoni, mid-dispożizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarju msemmija fil-punt 64 iktar 'il fuq jirriżulta li l-offerent jista' jiġi eskluż biss jekk l-imġiba professjonali ħażina serja tal-persuna fiżika jew ġuridika li hija membru tal-korp amministrattiv, maniġerjali jew superviżorju tiegħu tkun ġiet stabbilita permezz ta' sentenza finali jew deċiżjoni amministrattiva finali.

68 Issa, anki jekk jitqies li l-ex impjegat jista' jitqies bħala membru tal-korp amministrattiv, maniġerjali jew superviżorju ta' ADS, fis-sens tal-Artikolu 136(4)(a) tar-Regolament Finanzjarju, l-eżistenza ta' sentenza finali jew ta' deċiżjoni amministrattiva finali dwar l-ex impjegat bl-ebda mod ma tirriżulta mill-fajl u barra minn hekk ma ġietx allegata mir-rikorrenti. Fil-fatt, fir-rigward tal-aġir tal-ex impjegat, mill-proċess isegwi li l-ilment, imressaq mir-rikorrenti kontrih quddiem l-Uffiċċju tal-Prosekutur kompetenti fil-Ġermanja, ġie kklassifikat bħala magħluq mingħajr ma tittieħed deċiżjoni ulterjuri permezz ta' deċiżjoni tal-10 ta' Diċembru 2020 u li l-"ilment amministrattiv" li r-rikorrenti kienet ressqet kontra dik id-deċiżjoni li ma titteħidx azzjoni ulterjuri ġie miċħud permezz ta' deċiżjoni tal-Uffiċċju tal-Prosekutur kompetenti fl-1 ta' Marzu 2021.

69 Għaldaqstant, f'dan il-każ ma ġiex ipprovat ksur tal-ewwel u tat-tieni kriterji ta' esklużjoni, imsemmija fil-punti 63 u 64 iktar 'il fuq.

70 Fir-rigward tat-tielet kriterju ta' esklużjoni, għandu jitfakkar li, bħalma jirriżulta mill-punt 65 iktar 'il fuq, offerent jista' jiġi eskluż minn proċedura ta' sejħa għal offerti biss abbażi ta' klassifikazzjoni ġuridika preliminari tal-aġir tiegħu, fid-dawl tal-fatti jew tal-konstatazzjonijiet stabbiliti fir-rakkomandazzjoni maħruġa mill-bord.

71 F'dan il-każ, huwa paċifiku li l-Kummissjoni ma ressqitx il-każ quddiem dan il-bord. Madankollu, il-kwistjoni li tqum hija dwar jekk, billi ma għamlitx dan, il-Kummissjoni naqsitx milli twettaq l-obbligi tagħha li jirriżultaw mill-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 136(2) u mill-Artikolu 143 tar-Regolament Finanzjarju, bi ksur tat-tielet kriterju ta' esklużjoni.

72 Preliminarjament, għandhom isiru xi preċiżazzjonijiet dwar li jiġi adit il-bord u l-klassifikazzjoni ġuridika preliminari li abbażi tagħha offerent jista' jiġi eskluż minn proċedura ta' sejħa għal offerti.

73 Fl-ewwel lok, l-għan sottostanti għal li jiġi adit il-bord sabiex tinkiseb rakkomandazzjoni li tinkludi, jekk ikun il-każ, klassifikazzjoni ġuridika preliminari tal-aġir ta' offerent li abbażi tagħha dan jista' jiġi eskluż minn proċedura ta' sejħa għal offerti huwa l-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni kontra aġir li jikkostitwixxi riskju għal dawn l-interessi. Fil-fatt, l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 135(1) tar-Regolament Finanzjarju jipprovdi li "[s]abiex tħares l-interessi finanzjarji tal-Unjoni, il-Kummissjoni għandha twaqqaf u tħaddem sistema ta' identifikazzjoni bikrija u ta' esklużjoni". Skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 135(1) tar-Regolament Finanzjarju, l-għan ta' din is-sistema huwa li tiffaċilita, b'mod partikolari, "(a) l-identifikazzjoni bikrija ta' persuni jew entitajiet imsemmija fil-paragrafu 2, li jippreżentaw riskju għall-interessi finanzjarji tal-Unjoni" u "(b) l-esklużjoni ta' persuni jew entitajiet imsemmija fil-paragrafu 2, li jinsabu f'waħda mis-sitwazzjonijiet ta' esklużjoni imsemmija fl-Artikolu 136(1)".

74 Fit-tieni lok, il-klassifikazzjoni ġuridika preliminari tappartjeni esklużivament lill-bord, u dan "sabiex tiġi żgurata valutazzjoni ċentralizzata ta' dawk is-sitwazzjonijiet" fil-kuntest tas-sistema ta' identifikazzjoni bikrija u ta' esklużjoni, konformement mal-Artikolu 135(4) tar-Regolament Finanzjarju.

75 Fit-tielet lok, il-klassifikazzjoni ġuridika preliminari tirrigwarda neċessarjament l-aġir tal-offerenti stess. Bħalma jirriżulta mid-dispożizzjonijiet imsemmija fil-punti 61 u 65 iktar 'il fuq, il-klassifikazzjoni ġuridika preliminari tista' tikkonċerna biss il-fatti jew il-konstatazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 136(1)(c), (d), (f), (g) u (h) ta' dan ir-regolament u, għaldaqstant, l-aġir tal-persuni jew entitajiet biss imsemmija fl-Artikolu 135(2) tal-imsemmi regolament.

76 Fir-raba' lok, il-klassifikazzjoni ġuridika preliminari tirrigwarda fatti jew konstatazzjonijiet stabbiliti, essenzjalment, fil-kuntest ta' awditu jew ta' investigazzjonijiet imwettqa mill-awtoritajiet kompetenti tal-Unjoni jew, skont il-każ, tal-Istati Membri. F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li l-Artikolu 142(2)(b) u (c) tar-Regolament Finanzjarju jipprevedi li l-identifikazzjoni rapida tar-riskji li jheddu l-interessi finanzjarji tal-Unjoni għandha tkun ibbażata fuq it-trażmissjoni ta' informazzjoni lill-Kummissjoni, b'mod partikolari, minn uffiċjal tal-awtorizzazzjoni tagħha, uffiċċju Ewropew stabbilit minnha jew minn aġenzija eżekuttiva (Artikolu 142(2)(b) tar-Regolament Finanzjarju) jew minn istituzzjoni tal-Unjoni, uffiċċju Ewropew jew aġenzija oħra għajr dawk imsemmija fl-Artikolu 142(2)(b) tal-imsemmi regolament (Artikolu 142(2)(c) tar-Regolament Finanzjarju) (ara, b'analoġija, is-sentenza tas-16 ta' Mejju 2019, Transtec vs Il-Kummissjoni, T-228/18, EU:T:2019:336, punt 52).

77 Għandu jitfakkar ukoll li r-raba' subparagrafu tal-Artikolu 136(2) tar-Regolament Finanzjarju jipprovdi kif ġej:

"Il-fatti u s-sejbiet imsemmijin fl-ewwel subparagrafu għandhom jinkludu, b'mod partikolari:

(a) il-fatti stabbiliti fil-kuntest ta' awditi jew ta' investigazzjonijiet imwettqa mill-UPPE fir-rigward ta' dawk l-Istati Membri parteċipanti f'kooperazzjoni msaħħa taħt ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939, il-Qorti tal-Awdituri, l-OLAF jew l-awditur intern, jew kwalunkwe verifika, awditu jew kontroll ieħor li jitwettaq taħt ir-responsabbiltà tal-uffiċjal tal-awtorizzazzjoni;

(b) deċiżjonijiet amministrattivi mhux finali li jistgħu jinkludu miżuri dixxiplinari meħuda mill-korp ta' sorveljanza kompetenti responsabbli għall-verifika tal-applikazzjoni tal-istandards ta' etika professjonali;

(c) il-fatti msemmija fid-deċiżjonijiet ta' persuni u entitajiet li jimplimentaw fondi tal-Unjoni skont il-punt (c) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 62(1);

(d) l-informazzjoni trażmessa skont il-punt (d) tal-Artikolu 142(2) minn entitajiet li jimplementaw il-fondi tal-Unjoni skont il-punt (b) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 62(1);

(e) deċiżjonijiet tal-Kummissjoni marbuta mal-ksur tal-liġi tal-kompetizzjoni tal-Unjoni jew ta' awtorità kompetenti nazzjonali relatati mal-ksur tal-liġi tal-kompetizzjoni tal-Unjoni jew dik nazzjonali."

78 Fil-ħames lok, l-awtorità kontraenti għandha tressaq il-każ quddiem il-bord, imsemmi fl-Artikolu 143 tar-Regolament Finanzjarju, biss meta l-fatti stabbiliti li hija għandha jikkostitwixxu indizji suffiċjenti sabiex tiġi stabbilita preżunzjoni ta' ħtija tal-offerent. Kif diġà ddeċidiet il-Qorti Ġenerali, mid-dispożizzjonijiet kollha msemmija iktar 'il fuq jirriżulta li, fl-assenza ta' sentenza finali jew ta' deċiżjoni amministrattiva finali dwar offerent, l-awtorità kontraenti għandha, meta jkollha indizji suffiċjenti sabiex tistabbilixxi preżunzjoni li l-imsemmi offerent huwa ħati, b'mod partikolari, ta' mġiba professjonali ħażina serja, tressaq il-każ quddiem il-bord sabiex dan joħroġ rakkomandazzjoni li tinkludi, skont il-każ, klassifikazzjoni ġuridika preliminari tal-fatti kontenzjużi (ara, b'analoġija, is-sentenza tas-16 ta' Mejju 2019, Transtec vs Il-Kummissjoni, T-228/18, EU:T:2019:336, punt 53).

79 Barra minn hekk, l-ewwel, għandu jiġi rrilevat li r-rekwiżit li wieħed ikollu indizji suffiċjenti sabiex il-każ jitressaq quddiem il-bord huwa konformi mal-għanijiet ta' sistema intiża b'mod partikolari sabiex jiġu identifikati malajr u jiġu esklużi l-offerenti li l-aġir tagħhom jikkostitwixxi riskju għall-interessi finanzjarji tal-Unjoni (ara l-punt 73 iktar 'il fuq). It-tieni, dan ir-rekwiżit jirriżulta mill-prinċipju ta' amministrazzjoni finanzjarja u eżekuzzjoni tajbin (ara l-Kapitolu 7 tat-Titolu II tar-Regolament Finanzjarju), sa fejn dan jevita li jkun hemm dewmien fi proċedura tal-għoti ta' kuntratti mingħajr raġuni valida. It-tielet, dan ir-rekwiżit huwa konsegwenza tar-rwol tal-bord, li ma huwiex inkarigat li jinvestiga, iżda għandu joħroġ rakkomandazzjoni li tinkludi, skont il-każ, klassifikazzjoni ġuridika preliminari, li tirrigwarda fatti u konstatazzjonijiet stabbiliti preċedentement fil-kuntest ta' awditu jew ta' investigazzjonijiet imwettqa mill-awtoritajiet kompetenti, b'mod partikolari tal-Unjoni (ara l-punt 76 iktar 'il fuq). Ir-raba', ir-rekwiżit li wieħed ikollu indizji suffiċjenti jirriżulta mill-portata tal-klassifikazzjoni ġuridika preliminari, sa fejn din tirrigwarda l-aġir ta' offerent fil-każ ta' assenza ta' sentenza finali jew ta' deċiżjoni finali (ara l-punt 65 iktar 'il fuq) u għalhekk ma tistax tkun ibbażata fuq sempliċi suspetti.

80 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti kollha, għandu jiġi vverifikat jekk, f'dan il-każ, il-Kummissjoni kinitx obbligata tressaq il-każ quddiem il-bord sabiex dan joħroġ rakkomandazzjoni li tinkludi, jekk ikun il-każ, klassifikazzjoni ġuridika preliminari li tirrigwarda l-aġir ta' ADS. Għalhekk, għandu jiġi vverifikat jekk il-Kummissjoni kellhiex indizji suffiċjenti li jippermettu li jiġi preżunt li ADS kienet ħatja ta' mġiba professjonali ħażina serja li thedded l-interessi finanzjarji tal-Unjoni, inkluż, b'mod partikolari, il-konklużjoni ta' ftehim ma' persuni jew entitajiet oħra bl-għan li ssir distorsjoni tal-kompetizzjoni jew it-tentattiv li tinkiseb informazzjoni kunfidenzjali li tista' tagħtiha vantaġġ indebitu waqt id-djalogu kompetittiv kontenzjuż.

81 F'dan il-każ, mill-proċess u mit-trattazzjoni tal-partijiet prinċipali jsegwi li l-uniku element li kellha l-Kummissjoni dwar allegata mġiba illegali ta' ADS kien l-ittra tat-23 ta' Diċembru 2020. Permezz ta' din l-ittra, ir-rikorrenti talbet, essenzjalment, lill-Kummissjoni, l-ewwel, li tissospendi d-djalogu kompetittiv kontenzjuż, minħabba "suspett ta' ksur tas-sigriet professjonali tagħha minn impjegat ta' ADS" li kien jirriżulta, fil-fehma tagħha, minn punti ta' fatt li hija ġabet fil-konoxxenza tal-Kummissjoni, sussegwentement, li tinvestiga l-kwistjoni u, fl-aħħar, jekk ikun il-każ, li teskludi lil ADS mid-djalogu kompetittiv kontenzjuż (ara l-punt 15 iktar 'il fuq).

82 F'dan ir-rigward, l-ewwel, għandu jiġi nnotat li l-allegazzjonijiet li r-rikorrenti fformulat fl-ittra tat-23 ta' Diċembru 2020, imfakkra fil-punt 16 iktar 'il fuq, ma jaqgħux taħt il-fatti u l-konstatazzjonijiet imsemmija fil-punti (a) sa (e) tar-raba' subparagrafu tal-Artikolu 136(2) tar-Regolament Finanzjarju.

83 It-tieni, għandu jiġi rrilevat li, għalkemm ir-rikorrenti għamlet riferiment għal proċedura ta' investigazzjoni pendenti quddiem l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti dwar il-fatti inkwistjoni, l-imsemmija proċedura kienet issegwi minn ilment min-naħa tagħha dwar l-allegat ksur mill-ex impjegat tagħha u mhux minn ADS tal-leġiżlazzjoni tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja dwar is-sigrieti professjonali (ara l-punt 16 iktar 'il fuq).

84 Issa, bħalma jirriżulta mill-punt 75 iktar 'il fuq, il-klassifikazzjoni ġuridika preliminari prevista fl-Artikolu 136(2) tar-Regolament Finanzjarju, u għalhekk it-tressiq tal-każ quddiem il-bord, tista' tikkonċerna biss l-imġiba tal-offerenti stess. Għaldaqstant, l-imġiba allegata tal-ex impjegat imsemmi fl-ittra tat-23 ta' Diċembru 2020 ma tistax tikkostitwixxi indizju suffiċjenti għall-finijiet tat-tressiq tal-każ quddiem l-imsemmi bord.

85 It-tielet, għandu jiġi rrilevat li l-ittra tat-23 ta' Diċembru 2020 ma kienet akkumpanjata minn ebda prova li tista' ssostni l-allegazzjonijiet li kienu msemmija fiha.

86 Minn dan isegwi li l-allegazzjonijiet imsemmija fl-ittra tat-23 ta' Diċembru 2020 ma setgħux jitqiesu bħala fatti jew konstatazzjonijiet, li jistgħu jikkostitwixxu indizji suffiċjenti sabiex jissostanzjaw preżunzjoni ta' ħtija ta' ADS, li tiġġustifika li l-każ jitressaq quddiem il-bord.

87 F'dan il-kuntest, għandu jiġi vverifikat jekk il-Kummissjoni kinitx madankollu obbligata tinvestiga l-allegazzjonijiet imsemmija fl-ittra tat-23 ta' Diċembru 2020.

88 F'dan ir-rigward, minn naħa, għandu jiġi rrilevat li, fl-ittra tat-23 ta' Diċembru 2020, ir-rikorrenti ma semmiet l-ebda mġiba speċifika għal ADS ħlief għall-fatt li hija kienet impjegat lill-ex impjegat tagħha (ara l-punt 16 iktar 'il fuq). Issa, bħala prinċipju, il-fatt li, matul proċedura ta' sejħa għal offerti, offerent ikun impjega lill-ex impjegat ta' offerent ieħor ma jikkostitwixxix, waħdu, indizju ta' mġiba ta' dan l-ewwel offerent li tista' tikkostitwixxi mġiba professjonali ħażina serja. Min-naħa l-oħra, il-parteċipazzjoni fi proċedura ta' sejħa għal offerti ma tistax tikkostitwixxi ostakolu għall-eżerċizzju, matul l-imsemmija proċedura, tad-drittijiet tal-offerenti (u tal-impjegati jew tal-ex impjegati tagħhom) li jikkonkludu kuntratti ta' xogħol jew li jipprattikaw atti li jaqgħu taħt id-dritt tax-xogħol.

89 Min-naħa l-oħra, għandu jiġi rrilevat li, fl-ittra tat-23 ta' Diċembru 2020, ir-rikorrenti semmiet ċerta mġiba mhux ta' ADS, iżda tal-ex impjegat tagħha. B'mod iktar preċiż, hija semmiet il-fatt li hija kienet sabet fuq il-kompjuter tal-ex impjegat tagħha ittra ta' motivazzjoni datata l-21 ta' Ġunju 2019, indirizzata lill-viċi president eżekuttiv ta' ADS, li fiha l-ex impjegat indika b'mod partikolari li ċ-ċaqliq tiegħu mir-rikorrenti għal ADS "[seta'] jbiddel ukoll il-perspettivi u l-pożizzjoni kompetittiva [tar-rikorrenti] kontra [ADS] f'għanijiet ta' akkwist futuri". Ir-rikorrenti sostniet ukoll, fl-ittra tat-23 ta' Diċembru 2020, li l-analiżi tal-kompjuter tal-ex impjegat turi li dan seta' kkopja d-data rilevanti li kien irċieva fil-kuntest tal-preparazzjoni tal-offerta tiegħu għad-djalogu kompetittiv kontenzjuż, jiġifieri dettalji u kunċetti tekniċi, strateġiji ta' offerti, l-evalwazzjoni tal-kompetittività, tal-istrateġiji tal-prezzijiet u d-dettall tal-prezzijiet. F'din l-istess ittra, ir-rikorrenti sostniet ukoll li, mix-xahar ta' April 2020, jiġifieri xi xhur wara li rreklutatu, ADS kienet ħatret lill-ex impjegat fit-tmexxija tal-entità involuta fid-djalogu kompetittiv kontenzjuż, jiġifieri "Head of Space Systems Germany", li fi ħdanha kien jokkupa l-istess funzjonijiet bħal dawk li kien jokkupa preċedentement magħha.

90 Għandu jiġi kkonstatat li, permezz ta' dawn l-allegazzjonijiet, ir-rikorrenti sostniet, essenzjalment, li l-ex impjegat tagħha kien kiser is-sigriet professjonali tiegħu peress li kien kiseb illegalment informazzjoni sensittiva minnha, li setgħet tagħti lil ADS vantaġġ indebitu matul id-djalogu kompetittiv kontenzjuż (ara l-punt 16 iktar 'il fuq).

91 Madankollu, tali ksur, anki jekk jiġi sostnut, ma jikkostitwixxix, fi kwalunkwe każ, l-indizju ta' mġiba ta' ADS stess u għalhekk ma jistax jistabbilixxi preżunzjoni ta' ħtija tagħha.

92 Barra minn hekk, għandu jiġi kkonstatat li, fl-ittra tat-23 ta' Diċembru 2020, ir-rikorrenti ma ressqet ebda argument konkret intiż sabiex juri li ADS kienet kisbet, b'mod partikolari permezz tal-ex impjegat, xi informazzjoni sensittiva u kienet użatha fil-kuntest tad-djalogu kompetittiv kontenzjuż. Min-naħa l-oħra, fl-imsemmija ittra, ir-rikorrenti llimitat ruħha li tallega li ADS setgħet tikseb informazzjoni sensittiva mingħandha, li setgħet tagħtiha vantaġġ indebitu

fil-kuntest tad-djalogu kompetittiv kontenzjuż (ara l-punt 16 iktar 'il fuq). Din l-allegazzjoni vaga u ipotetika ma tistax tikkostitwixxi indizju suffiċjenti, fis-sens tal-ġurisprudenza mfakkra fil-punt 78 iktar 'il fuq.

93 Fil-fatt, l-ittra tat-23 ta' Diċembru 2020 ma kien fiha ebda element konkret li jippermetti li tiġi identifikata l-allegata informazzjoni sensittiva tar-rikorrenti, li setgħet inkisbet mill-ex impjegat, trażmessa lil ADS u użata minnha fil-kuntest tad-djalogu kompetittiv kontenzjuż, li jagħtiha għalhekk vantaġġ indebitu. Fl-imsemmija ittra, ir-rikorrenti semmiet biss li l-ex impjegat kien involut fl-"istrateġija" tal-parti teknika u fl-"istrateġija" dwar il-prezz u l-kalkolu tal-prezz tal-offerta tagħha. Dawn l-allegazzjonijiet wisq ġenerali ma jipprovdu ebda indikazzjoni konkreta li tippermetti li tiġi identifikata l-allegata informazzjoni sensittiva li tista' tkun inkwistjoni.

94 B'mod partikolari, ir-rikorrenti fl-ebda mument ma ssemmi, fl-ittra tat-23 ta' Diċembru 2020, xi element tekniku tal-offerta tagħha li kien intbagħat mill-ex impjegat tagħha lil ADS u li ntuża indebitament minnha fid-djalogu kompetittiv kontenzjuż. Bl-istess mod, l-"istrateġija" tal-prezz tal-offerta tar-rikorrenti li l-ex impjegat kellu konoxxenza tagħha bl-ebda mod ma hija speċifikata fl-imsemmija ittra.

95 Barra minn hekk, għandu jiġi rrilevat li mill-ittra tat-23 ta' Diċembru 2020 kien jirriżulta li l-ex impjegat kien telaq minn mar-rikorrenti ftit żmien wara s-sottomissjoni tal-offerta riveduta tagħha fil-kuntest tat-tieni fażi tad-djalogu kompetittiv kontenzjuż. Għalhekk, l-ex impjegat ma kienx, fi kwalunkwe każ, f'pożizzjoni li jkollu informazzjoni dwar id-djalogu li kien seħħ bejn ir-rikorrenti u l-ESA matul it-tielet fażi, u lanqas fuq il-kontenut tal-offerta finali tar-rikorrenti, li ġiet ippreżentata f'Ottubru 2020, jiġifieri kważi sena wara li l-ex impjegat kien telaq minn mar-rikorrenti (ara l-punti 13 u 16 iktar 'il fuq). Barra minn hekk, bħalma jsegwi mill-proċess u mit-tweġibiet tal-Kummissjoni għal mistoqsijiet li sarulha mill-Qorti Ġenerali matul is-seduta, il-"kundizzjonijiet tas-sejħa għal offerti għall-istedina sabiex tiġi sottomessa l-offerta finali", li ntbagħtu lill-offerenti f'Awwissu 2020 (ara l-punt 13 iktar 'il fuq), kienu jinkludu emendi meta mqabbel mal-"Kundizzjonijiet tas-sejħa għal offerti għall-istedina sabiex tiġi sottomessa offerta riveduta" preċedenti. B'mod partikolari, it-terminu ta' kunsinna tas-satelliti tqassar bi kważi sena, it-terminu għall-eżerċizzju, mill-awtorità kontraenti, tal-possibbiltà għall-akkwist ta' satelliti oħrajn b'żieda man-numru inizjali (ara l-punt 7 iktar 'il fuq) ġie estiż b'erbatax-il xahar u l-klassifikazzjoni ta' ċerti satelliti għal tnedija waħda jew tnedija doppja ġiet emendata. Tali emendi ma jistgħux, min-natura tagħhom, ikunu mingħajr effett fuq il-kundizzjonijiet tekniċi u finanzjarji ppreżentati mill-offerenti fl-offerti finali tagħhom.

96 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li l-Kummissjoni ma kinitx obbligata tinvestiga l-allegazzjonijiet li jinsabu fl-ittra tat-23 ta' Diċembru 2020 sa fejn dawn, anki jekk jitqiesu li huma sostnuti, ma kinux ta' natura li jikkostitwixxu indizji suffiċjenti sabiex tiġi stabbilita preżunzjoni ta' ħtija ta' ADS li tiġġustifika t-tressiq tal-każ quddiem il-bord.

97 Dawn l-evalwazzjonijiet ma humiex ikkontestati mill-argument tar-rikorrenti li l-ESA talbet lil ADS informazzjoni dwar l-ex impjegat biss fid-29 ta' Jannar 2021, jiġifieri sussegwentement għad-deċiżjonijiet ikkontestati. Fil-fatt, lil hinn mill-fatt li din it-talba saret wara t-tieni ittra tar-rikorrenti, iddatata t-28 ta' Jannar 2021 (ara l-punt 23 iktar 'il fuq), u, għaldaqstant, hija nnifisha sussegwenti għad-deċiżjonijiet ikkontestati, xorta jibqa' l-fatt li l-fatt li ġiet mitluba informazzjoni mingħand ADS sussegwentement għall-adozzjoni tad-deċiżjonijiet ikkontestati huwa mingħajr effett fuq il-legalità tagħhom, fid-dawl tal-ineżistenza ta' obbligu li l-każ jitressaq

quddiem il-bord (ara l-punt 86 iktar 'il fuq) u tal-fatt li l-allegazzjonijiet tar-rikorrenti ma kinux jirrigwardaw qasam suġġett għas-setgħat ta' investigazzjoni tal-istituzzjonijiet, tal-aġenziji jew tal-korpi tal-Unjoni (ara l-punt 96 iktar 'il fuq).

98 Barra minn hekk, għandu jiġi kkonstatat, bħalma għamlet il-Kummissjoni, li r-rikorrenti informatha dwar is-suspetti tagħha biss fl-ittra tat-23 ta' Diċembru 2020, filwaqt li hija kienet ordnat l-analiżi tal-kompjuter tal-ex impjegat sa mix-xahar ta' Novembru 2019, kif hija tammetti fir-rikors, u li hija kienet ippreżentat, quddiem l-awtoritajiet Ġermaniżi kompetenti, ilment kontra l-ex impjegat sa mix-xahar ta' Marzu 2020 (ara l-punt 16 hawn fuq). F'dan il-perijodu, jiġifieri minn Novembru 2019 sa Diċembru 2020, id-djalogu kompetittiv kontenzjuż evolva mit-tieni fażi tiegħu għat-tielet fażi tiegħu, li bdiet f'Awwissu 2020, u r-rikorrenti ppreżentat l-offerta finali tagħha f'Ottubru 2020 (ara l-punt 13 iktar 'il fuq). Dan l-aġir tar-rikorrenti jindika li hija stess ma qisitx, tal-inqas f'perijodu wiesa' u anki waqt is-sottomissjoni tal-offerta finali tagħha, li l-aġir issuspettat tal-ex impjegat seta' jagħti lil ADS vantaġġ indebitu fil-kuntest tad-djalogu kompetittiv kontenzjuż.

99 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li l-Kummissjoni ma kisritx l-obbligu tagħha li tressaq il-każ quddiem il-bord, u lanqas, *a fortiori*, it-tielet kriterju ta' esklużjoni msemmi fil-punt 65 iktar 'il fuq.

100 Għaldaqstant, l-ewwel parti tal-ewwel motiv għandha tiġi miċħuda bħala infondata.

[*omissis*]

Fuq it-tieni motiv, ibbażat fuq il-ksur tal-obbligu ta' eżami tal-offerti anormalment baxxi

113 Ir-rikorrenti ssostni, essenzjalment, li l-Kummissjoni kisret il-punti 23.1 u 23.2 tat-Taqsima 2 tal-Kapitolu 1 tal-Anness I tar-Regolament Finanzjarju, sa fejn hija ma segwietx iż-żewġ stadji li kienu previsti fihom sabiex tiżgura ruħha li l-offerta finali ta' ADS ma kinitx anormalment baxxa, meta kien hemm indizji f'dan is-sens. Fil-fatt, l-offerta finali ta' ADS għandha prezz kunsiderevolment iktar baxx mill-prezz tal-offerti finali ta' TASI u tar-rikorrenti u, għaldaqstant, il-Kummissjoni ma tistax sempliċement tindika li din l-offerta ma kinitx tidhrilha anormalment baxxa.

114 Il-Kummissjoni u l-intervenjenti jikkontestaw dawn l-argumenti.

115 Skont l-ewwel paragrafu tal-punt 23.1 tat-Taqsima 2 tal-Kapitolu 1 tal-Anness I tar-Regolament Finanzjarju, jekk, għal kuntratt partikolari, il-prezz jew l-ispejjeż proposti fl-offerta jkunu jidhru li huma anormalment baxxi, l-awtorità kontraenti għandha titlob, bil-miktub, il-preċiżazzjonijiet li hija tqis rilevanti dwar l-elementi kostitwenti tal-prezz jew tal-ispejjeż u għandha tagħti lill-offerent il-possibbiltà li jippreżenta l-osservazzjonijiet tiegħu. Skont il-punt 23.2 tat-Taqsima 2 tal-Kapitolu 1 tal-Anness I tal-imsemmi regolament, l-awtorità kontraenti għandha tiċħad l-offerta biss fejn il-provi prodotti ma jispjegawx b'mod sodisfaċenti il-prezz jew l-ispejjeż baxxi proposti.

116 Minn dawn id-dispożizzjonijiet jirriżulta li l-evalwazzjoni, mill-awtorità kontraenti, tal-eżistenza ta' offerti anormalment baxxi sseħħ f'żewġ stadji (ara, b'analoġija, is-sentenza tal-4 ta' Lulju 2017, European Dynamics Luxembourg *et* vs L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ferroviji, T-392/15, EU:T:2017:462, punt 87).

117 L-ewwel, l-awtorità kontraenti għandha tevalwa jekk l-offerti proposti jkunux "jidhru" anormalment baxxi (ara l-punt 23.1 tat-Taqsima 2 tal-Kapitolu I tal-Anness I tar-Regolament Finanzjarju). L-użu tal-verb "jidhru" fir-Regolament Finanzjarju jimplika li l-awtorità kontraenti għandha tagħmel evalwazzjoni *prima facie* tan-natura anormalment baxxa ta' offerta. Għaldaqstant ir-Regolament Finanzjarju ma jimponix lill-awtorità kontraenti li twettaq *ex officio* analiżi ddettaljata tal-kompożizzjoni ta' kull offerta sabiex tistabbilixxi li din ma tikkostitwixxix offerta anormalment baxxa. Għalhekk, l-ewwel, l-awtorità kontraenti għandha biss tiddetermina jekk l-offerti sottomessi jinkludux indizju ta' natura li jqajjem is-suspett li dawn jistgħu jkunu anormalment baxxi (ara, b'analoġija, is-sentenza tal-4 ta' Lulju 2017, European Dynamics Luxembourg *et* vs L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ferroviji, T-392/15, EU:T:2017:462, punt 88).

118 It-tieni, jekk ikunu jeżistu indizji ta' natura li jqajmu s-suspett li offerta tista' tkun anormalment baxxa, l-awtorità kontraenti għandha tivverifika l-kompożizzjoni tal-offerta sabiex tiżgura ruħha li din ma hijiex anormalment baxxa. Meta l-awtorità kontraenti tagħmel din il-verifika, hija għandha l-obbligu li tagħti lill-offerent tal-imsemmija offerta l-possibbiltà li jesponi għal liema raġunijiet huwa jqis li l-offerta tiegħu ma hijiex anormalment baxxa. Sussegwentement, l-awtorità kontraenti għandha tevalwa l-ispjegazzjonijiet ipprovduti u tiddetermina jekk l-offerta inkwistjoni għandhiex natura anormalment baxxa, f'liema każ hija għandha l-obbligu li tiċħadha (ara, b'analoġija, is-sentenza tal-4 ta' Lulju 2017, European Dynamics Luxembourg *et* vs L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ferroviji, T-392/15, EU:T:2017:462, punt 89).

119 Il-kunċett ta' "offerta anormalment baxxa" ma huwiex iddefinit fir-Regolament Finanzjarju. Madankollu, diġà ġie deċiż li n-natura anormalment baxxa ta' offerta kellha tiġi evalwata f'relazzjoni mal-kompożizzjoni tal-offerta u f'relazzjoni mas-servizz inkwistjoni (ara, b'analoġija, is-sentenza tas-16 ta' Mejju 2019, Transtec vs Il-Kummissjoni, T-228/18, EU:T:2019:336, punt 69 (mhux ippubblikata) u l-ġurisprudenza ċċitata).

120 Barra minn hekk, mill-ġurisprudenza jirriżulta li indizji ta' natura li jqajmu s-suspett li offerta tista' tkun anormalment baxxa jistgħu jeżistu b'mod partikolari jekk ikun jidher mhux ċert, minn naħa, li offerta tosserva l-leġiżlazzjoni tal-pajjiż li fih ikollhom jiġu pprovduti s-servizzi, fil-qasam ta' remunerazzjoni tal-persunal, ta' kontribuzzjoni għas-sistema ta' sigurtà soċjali, ta' osservanza tar-regoli ta' sigurtà u ta' saħħa fuq ix-xogħol u ta' bejgħ b'telf, u, min-naħa l-oħra, li l-prezz propost jinkludi l-ispejjeż kollha involuti mill-aspetti tekniċi tal-offerta. L-istess japplika meta l-prezz propost f'offerta proposta huwa kunsiderevolment inferjuri għal dak tal-offerti proposti l-oħrajn jew għall-prezz normali tas-suq (ara s-sentenza tas-16 ta' Mejju 2019, Transtec vs Il-Kummissjoni, T-228/18, EU:T:2019:336, punt 72 (mhux ippubblikata) u l-ġurisprudenza ċċitata).

121 Ir-rikorrenti ssostni li d-differenza bejn il-prezz tal-offerta finali ta' ADS u l-prezzijiet tal-offerti finali tal-offerenti l-oħra kienet tikkostitwixxi indizju ta' natura li jqajjem is-suspett li l-offerta ta' ADS setgħet tkun anormalment baxxa, li kellu jwassal lill-Kummissjoni sabiex tivverifika l-kompożizzjoni ta' din l-offerta sabiex tiżgura ruħha li din ma kinitx anormalment baxxa.

122 F'dan il-każ, mill-proċess isegwi li l-Kummissjoni għażlet l-offerta ta' ADS abbażi tal-klassifikazzjoni tal-offerti, magħmula mill-kumitat ta' evalwazzjoni (ara l-punt 17 iktar 'il fuq. Għalhekk, peress li l-offerta ta' ADS intgħażlet, minn dan isegwi impliċitament, iżda neċessarjament, li l-Kummissjoni qieset, bħall-kumitat ta' evalwazzjoni, li ma kinux jeżistu indizji

li l-imsemmija offerta kienet anormalment baxxa u li, konsegwentement, ma kienx utli li jintalbu preċiżazzjonijiet dwar il-kompożizzjoni ta' din l-offerta. Din l-evalwazzjoni ma hijiex imminata mill-argumenti tar-rikorrenti.

123 Fl-ewwel lok, huwa ċertament veru li teżisti differenza bejn il-prezz tal-offerta ta' ADS u dak tal-offerti ta' TASI u tar-rikorrenti li hija ta' 11.99 % u ta' 13.9 % rispettivament, jiġifieri bejn EUR 707 679 174.75 u, rispettivament, EUR 804 127 000 u EUR 822 786 000. Madankollu, diġà ġie deċiż li s-sempliċi fatt li l-prezz tal-offerta tal-offerent magħżul ikun iktar baxx minn dak tal-offerta ta' offerent ieħor ma setax, fih innifsu, juri n-natura anormalment baxxa tal-offerta tal-offerent magħżul. Fil-fatt, offerta tista' tkun inqas għolja minn oħra mingħajr madankollu ma tkun anormalment baxxa (ara s-sentenza tas-26 ta' Jannar 2017, TV1 vs Il-Kummissjoni, T-700/14, mhux ippubblikata, EU:T:2017:35, punt 58 u l-ġurisprudenza ċċitata).

124 Dan huwa preċiżament il-każ f'din il-kawża. Id-differenza bejn il-prezz tal-offerta finali ta' ADS u dak tal-offerti l-oħra ppreżentati ma tistax tikkostitwixxi, waħedha, indizju tan-natura anormalment baxxa tal-offerta ta' ADS, fid-dawl tal-karatteristiċi partikolari tal-kuntratt inkwistjoni.

125 Fil-fatt, minn naħa, għandu jitfakkar li l-proċedura ta' sejħa għal offerti tnediet fil-forma ta' djalogu kompetittiv, peress li l-Kummissjoni kienet diġà identifikat u ddefinixxiet il-bżonnijiet tagħha, iżda kienet għadha ma ddefinixxietx il-mezzi preċiżi l-iktar xierqa sabiex tissodisfahom (ara l-punt 6 iktar 'il fuq). Konsegwentement, il-prezzijiet tal-offerti kienu fil-parti l-kbira dipendenti fuq id-diversi soluzzjonijiet u mezzi tekniċi proposti minn kull offerent u għalhekk fuq l-ispejjeż rispettivi.

126 Min-naħa l-oħra, id-djalogu kompetittiv kontenzjuż kien intiż għall-akkwist ta' prodotti li għalihom ma kienx jeżisti prezz tas-suq. Kif irrikonoxxew il-partijiet prinċipali waqt is-seduta bi tweġiba għal mistoqsija li saritilhom mill-Qorti Ġenerali, mill-karatteristiċi partikolari tas-satelliti jirriżulta li dawn ma humiex oġġetti li għalihom jista' jinstab prezz standard jew prezz tas-suq. Barra minn hekk, f'dan il-każ, inkwistjoni kien hemm il-provvista ta' satelliti li għandhom karatteristiċi evoluti sabiex jiżguraw il-bidla mill-ewwel ġenerazzjoni għat-tieni ġenerazzjoni ta' satelliti Galileo (ara l-punt 7 iktar 'il fuq) u għalhekk ta' satelliti li għalihom kien għadu ma jistax jeżisti prezz tas-suq.

127 Fit-tieni lok, għandu jiġi kkonstatat li, lil hinn mid-differenza fil-prezz, ir-rikorrenti ma tressaq l-ebda argument konkret insostenn tal-allegazzjoni tagħha li l-offerta ta' ADS kellha tidher anormalment baxxa. B'mod partikolari, hija ma ssostnix eventwali nuqqas ta' osservanza tal-leġiżlazzjoni tal-pajjiż li fih is-servizzi kellhom jiġu eżegwiti jew in-nuqqas ta' inklużjoni fil-prezz propost minn ADS tal-ispejjeż kollha li jirriżultaw mill-aspetti tekniċi tal-offerta tagħha. Fi kwalunkwe każ, għandu jiġi rrilevat li l-elementi li jirriżultaw mill-proċess ma jikkorroborawx l-allegazzjoni tar-rikorrenti.

128 Fil-fatt, għandu jitfakkar li l-għoti tal-kuntratt kien ibbażat fuq l-offerta l-iktar vantaġġuża ekonomikament, li l-kriterju tal-prezz tagħha kien ipponderat għal 35 %, filwaqt li l-kriterju tal-kwalità kien ipponderat għal 65 % (ara l-punt 8 iktar 'il fuq). Issa, l-offerta finali ta' ADS ġiet ikklassifikata aħjar minn dik tar-rikorrenti, kemm fir-rigward tal-kriterju tal-prezz kif ukoll fir-rigward tal-kriterju tal-kwalità (ara l-punt 22 iktar 'il fuq).

129 Barra minn hekk, mid-dokumenti deskrittivi tad-djalogu kompetittiv kontenzjuż, li jinkludu l-kundizzjonijiet applikabbli f'kull waħda mit-tliet fażijiet tiegħu (ara l-punti 10, 12 u 13 iktar 'il fuq), isegwi li l-offerti kellhom jinkludu proposta finanzjarja li tikkorrispondi għall-proposta teknika kif ukoll punti finanzjarji ddettaljati, b'mod partikolari fatturi finanzjarji separati.

130 F'dan ir-rigward, mill-proċess isegwi li ma tqajjem ebda dubju, fi ħdan il-kumitat ta' evalwazzjoni, dwar l-evalwazzjoni tal-offerta ta' ADS fir-rigward tar-raba' sottokriterju tal-kriterju tal-kwalità, dwar in-natura xierqa tal-ġestjoni, tal-kalkolu tal-ispejjeż u tal-pjanifikazzjoni tal-eżekuzzjoni tax-xogħlijiet proposti (ara l-punt 8 iktar 'il fuq). Min-naħa l-oħra, mill-ittra tad-19 ta' Jannar 2021 u mill-faks tat-22 ta' Jannar 2021, imsemmija fil-punti 18 u 21 iktar 'il fuq, jirriżulta li, fir-rigward ta' dan is-sottokriterju, l-offerta ta' ADS ġiet ikklassifikata fit-tieni pożizzjoni.

131 Barra minn hekk, mit-tweġiba bil-miktub tal-Kummissjoni tad-29 ta' Ottubru 2022 għal mistoqsija magħmula mill-Qorti Ġenerali fil-kuntest tal-miżuri ta' organizzazzjoni tal-proċedura tas-17 ta' Ottubru 2022 kif ukoll mid-dokument anness ma' din it-tweġiba, li dwarhom ir-rikorrenti ppreżentat l-osservazzjonijiet tagħha matul is-seduta, jirriżulta li l-punti finanzjarji tal-offerti tal-offerenti ġew ippreżentati minnhom fil-forma ta' fajls standard. Qabelxejn, dawn il-fajls ġew eżaminati, fi ħdan il-kumitat ta' evalwazzjoni, bl-għajnuna ta' softwer imsejjaħ "ESA Costing Software (ECOS)", maħsub għall-evalwazzjoni globali tal-elementi tal-prezz fl-offerti. Sussegwentement, f'dak li jirrigwarda b'mod partikolari l-offerta finali ta' ADS, ġiet stabbilita tabella fil-qosor abbażi tal-analiżi tal-imsemmi softwer, liema tabella tinkludi 21 sottokategorija ta' elementi tal-prezz, b'mod partikolari l-ispejjeż tax-xogħol u ta' diversi punti tekniċi, kif ukoll marġni ta' qligħ. Fl-aħħar, il-punti finanzjarji tal-offerti ppreżentati, inklużi dawk tal-offerta finali ta' ADS, ġew evalwati minn sottobord tal-kumitat ta' evalwazzjoni, li jinkludi erbatax-il membru, li kien inkarigat li jevalwa r-raba' sottokriterju msemmi iktar 'il fuq.

132 Għaldaqstant, f'dan il-każ, ma ntwerietx l-eżistenza ta' indizji ta' natura li jqajmu s-suspett tal-Kummissjoni li l-offerta ta' ADS setgħet tkun anormalment baxxa. Konsegwentement, il-Kummissjoni ma kinitx obbligata twettaq verifika, fis-sens tal-ġurisprudenza mfakkra fil-punt 118 iktar 'il fuq, tal-punti kostitwenti tal-offerta ta' ADS sabiex tiżgura ruħha li din ma kinitx anormalment baxxa.

133 Għalhekk, kuntrarjament għal dak li ssostni r-rikorrenti, il-Kummissjoni ma kisritx l-obbligi tagħha relatati mal-eżami tal-offerti anormalment baxxi.

134 Barra minn hekk, waqt is-seduta, ir-rikorrenti semmiet li, bl-argument tagħha li l-Kummissjoni ma setgħetx tillimita ruħha li tindika li l-offerta ta' ADS ma kinitx tidhrilha anormalment baxxa, hija kellha l-għan li tqajjem nuqqas ta' motivazzjoni.

135 Madankollu, għandu jiġi kkonstatat li r-rikorrenti ma tiżviluppa ebda argument awtonomu insostenn ta' dan l-allegat nuqqas ta' motivazzjoni, iżda sempliċement tikkritika lill-Kummissjoni li ma wettqitx verifika dwar l-eżistenza ta' offerti anormalment baxxi, kwistjoni li ma taqax taħt ilment ibbażat fuq il-ksur tal-forom proċedurali sostanzjali, b'mod partikolari fuq nuqqas ta' motivazzjoni tad-deċiżjonijiet ikkontestati, iżda li taqa' taħt il-fondatezza ta' dawn id-deċiżjonijiet. Issa, bħalma jirriżulta mill-punt 132 iktar 'il fuq, dan l-ilment, ibbażat fuq il-ksur, mill-Kummissjoni, tal-obbligi tagħha relatati mal-eżami tal-offerti anormalment baxxi, ma jistax jintlaqa'.

136 Għaldaqstant, it-tieni motiv għandu jiġi miċħud bħala infondat.

[*omissis*]

Fuq ir-raba' motiv, ibbażat fuq il-ksur tal-obbligu tal-Kummissjoni li tadotta deċiżjoni awtonoma fir-rigward tal-għoti tal-kuntratt

216 Ir-rikorrenti ssostni, essenzjalment, li l-Kummissjoni naqset mill-obbligu tagħha li tadotta deċiżjoni awtonoma fir-rigward tal-għoti tal-kuntratt, billi llimitat ruħha li tikkonferma r-riżultati li jidhru fir-rapport ta' evalwazzjoni. Ir-responsabbiltà tal-programm Galileo, imposta fuq il-Kummissjoni mill-Artikolu 12(1) tar-Regolament Nru 1285/2013 toħloq fil-konfront tagħha obbligu li tadotta deċiżjoni awtonoma fir-rigward tal-għoti tal-kuntratt fil-kuntest tad-djalogu kompetittiv kontenzjuż. Barra minn hekk, il-konvenzjonijiet ta' delega konklużi bejn il-Kummissjoni u l-ESA skont l-Artikolu 15 tal-imsemmi regolament ma jistgħux jillimitaw jew jibdlu din ir-responsabbiltà tal-Kummissjoni. Barra minn hekk, il-Kummissjoni ma hijiex marbuta bil-proposta li tinsab fir-rapport ta' evalwazzjoni u hija għandha teżamina hija stess l-offerti tal-offerenti, iktar u iktar peress li, f'dan il-każ, jeżistu indizji ta' evalwazzjoni żbaljata min-naħa tal-kumitat ta' evalwazzjoni, li kellu jwassal lill-Kummissjoni twettaq stħarriġ bir-reqqa tal-imsemmi rapport.

217 Il-Kummissjoni, sostnuta minn ADS, u r-Repubblika Taljana jikkontestaw dawn l-argumenti.

218 Fl-ewwel lok, għandu mill-ewwel jiġi miċħud l-argument tar-rikorrenti bbażat fuq ir-responsabbiltajiet tal-Kummissjoni fil-kuntest tal-programm Galileo.

219 Huwa ċertament minnu li l-Kummissjoni tassumi r-responsabbiltà ġenerali tal-programm Galileo u li, għall-fażi tat-tnedija ta' dan il-programm, hija għandha tikkonkludi ftehim ta' delega mal-ESA li jippreċiża l-kompiti ta' din tal-aħħar, b'mod partikolari f'dak li jirrigwarda l-għoti tal-kuntratti relatati mas-sistema. Huwa preċiżament fil-kuntest tal-ftehim ta' delega li ġie konkluż bejn il-Kummissjoni u l-ESA li din tal-aħħar, li taġixxi f'isem u għan-nom tal-Kummissjoni, kienet inkarigata li torganizza d-djalogu kompetittiv kontenzjuż, filwaqt li l-Kummissjoni kienet għadha l-awtorità kontraenti (ara l-punti 4 u 5 iktar 'il fuq).

220 Madankollu, kuntrarjament għal dak li jidher li qiegħda ssostni r-rikorrenti, ir-responsabbiltà tal-programm Galileo ma tistax tbiddel, jew saħansitra żżid, l-obbligi tal-Kummissjoni bħala awtorità kontraenti, li jibqgħu dawk previsti, b'mod ġenerali, mit-Titolu VII tar-Regolament Finanzjarju u, b'mod partikolari għal dak li jikkonċerna l-kuntratti pubbliċi konklużi fil-kuntest tat-tnedija tal-programm Galileo, mill-Kapitolu V tar-Regolament Nru 1285/2013.

221 Fit-tieni lok u fi kwalunkwe każ, għandu jiġi miċħud l-argument tar-rikorrenti bbażat fuq allegat ksur ta' obbligu li tiġi adottata deċiżjoni awtonoma min-naħa tal-Kummissjoni dwar l-għoti tal-kuntratt.

222 Qabelxejn, għandu jiġi rrilevat li, skont l-Artikolu 150(1) u (2) tar-Regolament Finanzjarju, l-offerti sottomessi fil-kuntest ta' sejħa għal offerti għandhom jiġu evalwati minn kumitat ta' evalwazzjoni maħtur mill-awtorità kontraenti. Barra minn hekk, l-awtorità kontraenti tista' tidderoga mill-ħatra ta' kumitat ta' evalwazzjoni biss fil-każijiet previsti fl-Artikolu 168(5) tal-istess regolament. Sussegwentement, mill-punt 30.1 tat-Taqsima 2 tal-Kapitolu 1 tal-Anness I tal-imsemmi regolament jirriżulta li r-riżultati tal-evalwazzjoni mwettqa mill-kumitat ta' evalwazzjoni huma ppreżentati f'rapport ta' evalwazzjoni li jinkludi l-proposta li jingħata l-kuntratt. Fl-aħħar, l-awtorità kontraenti tieħu d-deċiżjoni tagħha jew bl-approvazzjoni tar-rapport ta' evalwazzjoni, jew, skont il-każ, billi tipprovdi r-raġunijiet għalfejn ma ssegwix

ir-rakkomandazzjoni fformulata fir-rapport ta' evalwazzjoni, jew, skont il-każ, billi tipprovdi r-raġunijiet għalfejn hija ddeċidiet li ma tagħtix il-kuntratt, konformement mal-punt 30.3 tat-Taqsima 2 tal-Kapitolu 1 tal-Anness I tal-imsemmi regolament.

223 Minn dan isegwi li, minn naħa, fil-każijiet fejn kumitat ta' evalwazzjoni jkun inħatar mill-awtorità kontraenti, huwa dan il-kumitat li għandu jagħmel l-evalwazzjoni tal-offerti ppreżentati. Min-naħa l-oħra, għalkemm huwa ċertament minnu li l-awtorità kontraenti ma hijiex marbuta bir-rapport ta' evalwazzjoni, xorta jibqa' l-fatt li, fil-każijiet fejn l-awtorità kontraenti tiddeċiedi li ssegwi l-proposta ta' għoti magħmula fl-imsemmi rapport, id-deċiżjoni tagħha ta' għoti tista' tkun ibbażata fuq l-imsemmi rapport.

224 F'dan il-każ, għandu jiġi kkonstatat li l-offerti finali tal-offerenti ġew evalwati minn kumitat ta' evalwazzjoni, kompost minn rappreżentanti tal-ESA, tal-GSA u tal-Kummissjoni, li ppreżenta r-riżultati tal-evalwazzjoni tiegħu f'rapport ta' evalwazzjoni, li abbażi tiegħu l-Kummissjoni adottat id-deċiżjonijiet ikkontestati (ara l-punti 14 u 17 iktar 'il fuq). Barra minn hekk, bħalma tippreċiża l-Kummissjoni, mingħajr ma r-rikorrenti tikkontesta dan, dan il-kumitat kien kompost minn grupp ta' madwar 70 persuna li kellhom l-esperjenza u l-kwalifiki xierqa fir-rigward tas-suġġett tal-kuntratt.

225 Għaldaqstant, il-fatt li d-deċiżjonijiet ikkontestati kienu mmotivati mir-riferiment għar-rapport ta' evalwazzjoni, peress li l-Kummissjoni adottat l-opinjoni tal-kumitat ta' evalwazzjoni inkarigat mill-evalwazzjoni tal-offerti ppreżentati, ma jnaqqas xejn mill-fatt li dawn ġew adottati, b'mod awtonomu, mill-Kummissjoni, fil-kwalità ta' awtorità kontraenti.

[*omissis*]

Għal dawn il-motivi,

IL-QORTI ĠENERALI (Is-Sitt Awla)

taqta' u tiddeċiedi:

1) Ir-rikors huwa miċħud.

2) OHB System AG għandha tbati l-ispejjeż rispettivi tagħha kif ukoll dawk sostnuti mill-Kummissjoni Ewropea, inklużi dawk relatati mal-proċedura għal miżuri provviżorji.

3) Ir-Repubblika Taljana u Airbus Defence and Space GmbH għandhom ibatu, kull wieħed minnhom, l-ispejjeż rispettivi tagħhom.

Costeira Kancheva Zilgalvis

Mogħtija f'qorti bil-miftuħ fil-Lussemburgu, fis-26 ta' April 2023.

Firem